

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1226

tal-4 ta' Mejju 2016

**li jemenda l-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar it-termini riżervati fakultattivi għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 (²) jiddefinixxi l-karatteristiċi fis-ċiċċi, kimiċi u organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ u jistabbilixxi l-metodi għall-valutazzjoni ta' dawk il-karatteristiċi. Dawk il-metodi u l-valuri ta' limitu għall-karatteristiċi taż-żejt huma aġġornati regolarmen biex jitqies l-żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku skont il-ħidma mwettqa fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ.
- (2) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ adotta metodu ġdid għall-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa verġni li jimmodifika t-terminoloġija fakultattiva għall-finijiet tat-tikkettar.
- (3) It-termini riżervati fakultattivi huma mniżżla fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (4) L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2016

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

<sup>(¹)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(²)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti (ĠUL 248, 5.9.1991, p. 1).

## ANNESS

## “ANNESS IX

## TERMINI RIŻERVATI FAKULTATTIVI

Kategorija ta' prodott (b'referenza għall-klassifikazzjoni tan-nomenklatura magħquda)	Terminu riżervat fakultattiv
laħam tat-tjur (kodiċijiet NM 0207 u 0210)	mitmugħha bi ... % ta' ... wiżżejj mitmugħ bil-ħafur trobija fuq ġewwa/sistema intensiva trobija fil-beraħ trobija fil-beraħ tradizzjonali trobija barra — libertà totali l-età tal-qatla it-tul tal-perjodu tat-tismin
bajd (kodiċi NM 0407)	frisk aktar min-normal jew frisk aktar min-normal indikazzjoni dwar il-metodu tal-għalf tat-tiġieġ li jibidu
żejt taż-żebbuġa (kodiċi NM 1509)	l-ewwel ipressar kiesaħ estrazzjoni kiesħa aċidità qawwi it-togħma tal-frott: misjur jew aħdar qares b'saħħtu medju delikat ibbilançjat sew żejt ta' toħġma mmoderata”